*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,753, 12 ta' April, 2005*
*Taqsima B*

**A.L. 109 ta' l-2005**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 440)**

**Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ipproċessar tad-*Data* Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 16 ta' l-2003.

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-sub-regolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "lil xi abbonat, li jkun persuna naturali, kemm-il darba" għandhom jidħlu l-kliem "lil xi abbonat, irrispettivament minn jekk dak l-abbonat ikunx persuna naturali jew persuna legali, kemm-il darba"; u

(b) fis-sub-regolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "tali komunikazzjonijiet jieqfu:" għandhom jidħlu l-kliem "tali komunikazzjonijiet jieqfu." u l-kliem "Iżda dan is-sub-regolament għandu japplika biss għal dawk l-abbonati li jkunu persuni naturali." għandhom jitħassru.

**L.N. 109 of 2005**

## DATA PROTECTION ACT
## (CAP. 440)

### Processing of Personal Data (Electronic Communications Sector) (Amendment) Regulations, 2005

IN exercise of the powers conferred by article 54 of the Data Protection Act, the Minister for Investment, Industry and Information Technology, after consultation with the Data Protection Commissioner, has made the following regulations:–

Citation.

**1.** The title of these regulations is the Processing of Personal Data (Electronic Communications Sector) (Amendment) Regulations, 2005 and shall be read and construed as one with the Processing of Personal Data (Electronic Communications Sector) Regulations, 2003, hereinafter referred to as "the principal regulations".

L.N. 16 of 2003.

Amends regulation 10 of the principal regulations.

**2.** Regulation 10 of the principal regulations shall be amended as follows:-

(a) in sub-regulation (1) thereof, for the words "to a subscriber, who is a natural person, unless" there shall be substituted the words "to a subscriber, irrespective of whether such subscriber is a natural person or a legal person, unless"; and

(b) in sub-regulation (3) thereof, for the words "communications cease:" there shall be substituted the words "communications cease." and the words " Provided that this sub-regulation shall apply only to subscribers who are natural persons." shall be deleted.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 4c – *Price 4c*